**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Dicembru, 2019

Rikors numru: 91/18 AL

A B

-vs-

Avukat Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar
u il-P.L. Doreen Aquilina ġew nominati Kuraturi Deputati
b'digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' April 2018
biex jirrapprezentaw lill-assenti C D E

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet :

1. Illi fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), ir-rikorrenti iżżewġet fir-Rġgistru Pubbliku ta' Malta lill-intimat assenti C D E (ċertifikat taż-żwieġ anness u markat bħala Dokument 'A').

2. Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat

b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewwġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieħ kien ukoll vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewwġa.

4. Illi għalhekk l-imsemmi żwieġ huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Talbet li l-intimati jgħidu għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti ċċelebrat nhar it-tlieta (3) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) huwa null, invalidu u bla effett għar-raġunijiet fuq premessi skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 [Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta] li Jirregola ż-Żwieġijiet, u tagħti dawk il-provvedimenti kollha illi jkunu xierqa u opportuni f’dan ir-rigward.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuratur deputat Dr Mark A. Mifsud Cutajar, illi permezz taghha eccepixxa : fol 13:

Illi l-esponent m’hux edott mill-fatti u għalhekk qed jirriserva id-dritt li jipprezenta risposti ulterjuri tul il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Salv risposta ulterjuri.

Semgħet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta’ dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Frar 2003[1], jiġi dikjarat null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19(1) (d) u /jew 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[2].

Kull referenza għall-"konvenut" f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenut assenti u mhux għall-kuraturi li debitament jirrapreżentawh fl-assenza tiegħu.

**<u>Provi:</u>**

Ir-rikorrenti xehdet bil-proċedura tal-affidavit[3] fejn spjegat li ltaqgħet mal-konvenut f'Ottubru 2002, u ftit ġimgħat wara li ltaqgħu kien semmielha ż-żwieġ, u effetivament żżewġu fir-Registru Pubbliku fit-3 ta' Frar 2003. Xehdet li malli żżewġu krew appartament Bugibba, u marru igħixu hi, hu u bintha li kellha minn qabel dan iż-żwieg, iżda wara biss hamest ijiem mid-data taż-żwieġ, C telaq u ma reġax irritorna lura f'din id-dar li kienu jikru. Hija spjegat pjegat li peress li hi ma kinitx taħdem, eventwalment ma kellhiex biex tħallas il-kera u kellha titlaq minn dan il-fond. Żiedet tgħid li ż-żwieġ tagħhom lanqas biss ġie kkonsmat, u meta staqsiet għal C wara li dan ma kienx irritorna lura d-dar, ħadd ma kien taha informazzjoni dwaru, imbagħad indunat li C kien sempliċement użaha biex tiżżewġu. Żiedet tgħid li llum hi għandha tlieta u tletin sena u li ma setghetx tipproċedi qabel b'dan il-każ peress li ma kellhiex finanzi. L-attriċi xehdet li

[1] Certifikat taz-zwieg relattiv esebit Dok A, fol3.

[2] Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

[3] Fol 18 et seq.tal-process

eventwalment xi ħadd kien qalilha li żewġha kien telaq minn Malta.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u ċjoe l-Artikolu 19(1) (d) u l-artikolu 19(1) (f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ:

"19(1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt ghall-att taż-żwieġ;"

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, (l-artikolu 19(1) (d) tal-Att dwar iż-Żwieg) il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin bih il-partijiet, u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħhu u

jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre`, l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mil-liġi.

Kif jispjega l-awtur **Bersini** "e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emmettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sareberro in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia ammetta prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o addirittura mancante, si dovra ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".[4]

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li: "Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of

---

[4] Bersini Francesco, Il Diritto canonico matrimoniale, (Torino, 1994) p.97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs Sharon Galea nee Gibson mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu 2003 (Citazzjoni Numru 484/1995/2 (RCP)).

life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring."[5]

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghall-artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iz-Zwieg li tirrileva li sabiex tigi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita` taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament ippruvat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti fil-kaz Alfred Tonna vs Maria Tonna,[6] "ikun hemm simulazzjoni meta fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra(jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda internament u b'att pożittiv tal-volonta` tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)."

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda a priori ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, ċjoe`, issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda a priori ż-żwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe` saret simulazzjoni parzjali."[7]

---

[5] Viladrich Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon law Annotated (Montreal 1993) p.686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs Dr. Ian Spiteri Bailey et noe mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Ottubru 2002, (Cit. nru. 390/1999/1) (RGM).

[6] Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (VDG) – 31 ta' Jannar 1996

[7] Sharon Lanzon vs Francis Attard – Prim Awla tal-Qorti Ċivili – 15 ta' Marzu 2000.

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODEJERN.

Illi stabbiliti l-aspetti legali suċitati dwar difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Fil-każ in eżami jirriżulta li r-rikorrenti u l-konvenut kienu żżewġu bl-għaġġla, wara tlett xhur minn meta ltaqgħu, mingħajr wisq ħsieb dwar dak li kienu deħlin għalih. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għaġġlu wisq, ir-rikorrenti kienet għadha kif għalqet tmintax-il sena, u kienet immatura, u ħasbet li sabet ir-relazzjoni ta' hajjitha peress li kif spjegat hi fl-affidavit tagħha, kellha esperjenza ħażina preċedentement u kellha anke wild mir-relazzjoni preċedenti.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut approfitta mill-immaturita` u l-vulnerabbilita` tar-rikorrenti. Illi huwa evidenti li hu ma kellu l-ebda ħsieb li verament igħix ħajja miżżewġa, kif inhu rikjest mill-liġi, billi kif ikkonfermat ir-rikorrenti fl-affidavit tagħha, huwa telaq mid-dar wara ħamest ijiem biss mid-data taż-żwieġ. Jidher ċar li r-rabta taż-żwieġ ma kienet tfisser xejn għall-konvenut peress li qabad u telaq wara ftit jiem. Din hija indikazzjoni ċara tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju tiegħu dwar l-obbligi mnisslin miż-żwieġ.

Il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrenti irnexxielha tipprova, mingħajr lok ta' dubju fil-moħħ tal-ġudikant, illi l-konvenut ma kienx kapaċi jerfa' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa; u illi l-kunsens tal-konvenut assenti kien ivvizzjat b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u konsegwentement dan jwassal għan-nullita` taż-żwieġ bejniethom.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu (d) tal-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti b'dan illi:

Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-konvenut fit-3 ta' Frar 2003 huwa null u bla ebda effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att Dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-Att taż-Żwieg relattiv għaż-żwieġ bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż kollha jkunu sopportati mill-konvenut assenti, b'dan li r-rikorrenti għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.